MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 295/2002

Il-Pulizija
(Spettur R. Gregory)
Vs
Josette Cesareo

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19/9/2002 u fil-21/9/2002 gewwa s-Swieqi, meta ordnata permezz ta’ Digriet numru 1515/2002 moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili biex taghti access lil wild Angele Galea taht il-kustodja taghha, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Novembru, 2002, li biha, sabet lill-imputata hatja ta’ din l-akkuza pero stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett xhur ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2002 li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-akkuza lilha addebitata w konsegwentement tilliberha minn kull htija w piena skond il-ligi.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tallum l-abbli prosekutur iddikkjara li huwa jqis is-sentenza nulla ghaliex fil-korp taghha ma hemmx imsemmiha l-artikoli tal-ligi li tahtom l-appellanti nstabet hatja ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat li d-difiza qablet ma din is-sottomissjoni.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li gie ndikat Artikolu tal-ligi f'ras is-sentenza appellata bejn l-indikazzjoni tal-Qorti li minnha nghatat s-sentenza u l-okkju, l-isem tal-Magistrat u l-indikazzjoni li din kienet s-seduta ta' San Giljan ma jissodisfax il-vot tal-ligi kif mahsub fl-Artikolu 382 tal-Kap. 9 ghax l-Artikolu jew Artikoli li tahthom tkun instabet htija ghandu jkun jifforma parti integrali mill-korp tas-sentenza u ghalhekk dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Tiddikjara ghalhekk s-sentenza appellata nulla w tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza quddiem din il-Qorti fis-seduta tallum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------